IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1957

# IL-POETA U L-HOLQIEN

*Ta'* VINCENT CARUANA

BOSTA poeti jsemmu l-ħolqien fil-poeżiji tagħhom. Ġie li l-ħolqien jidħol fil-poeżija mhux bħala s-suġġett ewlieni, iżda bħala sfond għal xi ġrajja, ħsieb jew suġġett ieħor li jkun fiha l-poeżija. Meta l-ħolqien — bħal xi kewkba, sħaba, il-baħar, ix-xemx, eċċ — insibuh bħala s-suġġett ewlieni tal-poeżija, naraw aktarx lill-poeta jfissrilna kif dik is-sħaba, kewkba jew xi tkun, tolqtu bħala poeta, kemm jekk tixgħellu f'moħħu ħsibijiet ferrieħa kif ukoll ħsibijiet ta' dwejjaq. Ġie wkoll — u bosta poeti jagħmlu hekk — li l-poeta jxebbah is-sħaba jew kewkba li tkun, miegħu nnifsu, jiġifieri japplika għalih innifsu xi ħaġa mill-ħolqien li jara u b'xi mod tolqtu jew tiġbdu lejha.

Hekk naraw lil Dun Karm jagħmel fil-poeżija tiegħu "Il-Ġerrejja u Jien". Tant jurina biċ-ċar li se' japplika d-dgħajsa għalih innifsu li saħansitra l-isem tal-poeżija semmieh "Il-Ġerrejja u *JIEN*". Araw kif ixebbah lill-ġerrejja miegħu stess:

> Dalwaqt mal-ħwejjeġ l-oħra
> fi star bla lewn titkebbeb, ja Ġerrejja;
> dalwaqt ma narak iżjed
> għax isirqek il-lejl minn ħbub għajnejja.
> Hekk jiena. Meta kbira
> ix-xemx tal-Hajja ħammret fuq tfuliti
> u taħt fewġa bikrija
> ħaddru t-tamiet fil-ġonna ta' żgħożiti.

Innutaw daqsxejn il-kelmiet "Hekk jiena". Il-poeta jibda billi jurina l-ġerrejja fuq il-baħar fix-xemx tħammar ta' filgħodu. Jurihielna tifrex il-qlugħ u toħroġ 'il barra fuq il-mewġ bla "ma taħseb f'darha". Jurihielna fl-aħħarnett meta reġgħet lura fil-qala fil-għaxija. Imbagħad ixebbah lix-xemx tħammar ta' fil-għodu ma' żgħożitu; ixebbah il-ġerrejja miegħu stess; il-mewġ tal-baħar mal-mewġ tal-ħajja. Jurina kif

għadda minn fuq il-mewġ tal-ħajja bħalma l-ġerrejja għaddiet minn fuq il-mewġ tal-baħar, imbagħad fl-istanza ta' qabel l-aħħar igħidilna:

Hawn issa t-tnejn nitbandlu
qegħdin fil-qala jien u d-dgħajsa tiegħi
għaliex iż-żifna raqdet,
u x-xemx ta' nofs in-nhar ma għadhiex miegħi.

Kif nistgħu naraw, Dun Karm ma japplikpax il-ġerrejja għalih innifsu f'daqsxejn ta' ħsieb f'parti waħda mill-poeżija (*en passant*), iżda jiġbed paralell kontinwu bejnu u bejn il-ġerrejja ma' tul il-poeżija kollha.

Hekk jagħmel ukoll l-istess poeta fil-poeżija "L-Arloġġ", fejn hu jgħid lill-arloġġ:

Għalhekk inti qalbi
timlieli bis-swied;
fil-milja tal-ħajja
tfakkarni fl-imwiet.

Qegħdin naraw mela kif il-poeta jħobb ixebbah affarijiet tal-ħolqien miegħu nnifsu, kemm f'sens pożitiv kif ukoll f'sens negattiv. Meta ngħid li poeta jxebbah xi ħaġa miegħu stess pożittivament irrid infisser li hu jgħid li hu *jixbah* dak l-oġġett. Meta jxebbah oġġett miegħu nnifsu negattivament irrid nifisser li l-poeta jgħidilna li hu ma *jixbahx* lill-oġġett. Hekk allura, rajna kif Dun Karm xebbah lil-ġerrejja miegħu nnifsu pożittivament, imma Ġorġ Pisani, fil-poeżija "Lill-Palma Xiħa" ixebbah il-palma miegħu nnifsu negattivament, għax jgħidilna li hu lill-palma ma jixxibahx magħha, li hu mhux bħalha, kif naraw f'dawn il-versi:

Jien immut, bħal warda naqa'
fl-isbaħ għodwa tal-ħolqien;
jien immut u inti tibqa',
tibqa' naf għal bosta żmien.

Din l-istanza turina kif Ġorġ Pisani japplika l-palma għalih f'sens negattiv għax jgħidilna li hu jmut, imma l-palma tibqa' tgħix. Iżda mbagħad narawh f'daqqa waħda jbiddel il-

fehma tiegħu, u fejn ftit qabel ġibed mill-palma tixbiha negattiva, narawh f'din l-istanza li ġejja joħroġ tixbiha pożittiva :

Le, ma ngħirx għal għomrok diemi,
le, ma rridx dat-tul ta' jiem;
jien fil-għana nħalli qalbi
għax fil-għana ngħix bla tmiem.

Rajna mela kif qabel Pisani qalilna li hu ma jixxibahx mal-palma għax hu jmut, iżda hi tibqa' tgħix ħafna żmien ieħor, jiġifieri x-xebh hu negattiv. Imma f'daqqa waħda rajna kif jagħmel xebh ieħor pożittiv billi jgħidilna li huwa wkoll jibqa' jgħix għal żmien twil, anzi jgħix għal dejjem fil-għana li ħareġ mill-pinna tiegħu, u għalhekk, nistgħu ngħidu li mhux biss hija tixbiha pożittiva, iżda wkoll tixbiha superlattiva. għax fil-għana tiegħu jgħix *iżjed* mill-palma.

Hekk ukoll Ġużè Chetcuti fil-poeżija "Il-Wied u Jien" għandu fejn jagħmel xebh negattiv mal-wied u għandu fejn jagħmel xebh pożittiv. Insemmu għalhekk il-versi ta' Chetcuti fejn hemm ix-xebh pożittiv u negattiv u wara nirreferixxu għalih.

Imm'inti tgħix, ma tmutx man-niżla twila
u tibqa' tħabbat fik qalb il-ħolqien.
X'qatt jista' jtellfek l-għanja li mill-friegħi
tinfirex ,hiemda fuq il-mewġ lubien?
Hajti mhix hekk. Kemm kienet isbah darba.
Kont hieni. Imm' għax ħarbu dawk is-snin?
Ħabbejt, u għext fil-ħolm, fix-xewqa mħeġġa,
rajt bħalek għaddejjin sigħat ħelwin.

It-tixbiha negattiva qiegħda fejn jgħid "Hajti mhux hekk". Ix-xebh pożittiv insibuh fejn jgħid lill-wied "rajt bħalek...".

M'humiex il-poeti Maltin biss li jagħmlu xebh pożittiv jew negattiv ma' affarijiet tal-ħolqien. Hekk ukoll jagħmel, ngħidu aħna, John Keats fis-sunett immortali tiegħu li jibda "Bright star would I were steadfast as thou art", fejn imnikket mill-

marda miskina li kellu jixtieqa li kien igawdi qagħda soda daqs ta' kewkba fil-firmament.

Iżda ċertament dan ma jfissirx li kull meta poeta jsemmi l-ħolqien dejjem jagħmel tixbiħ bejnu stess u bejn affarijiet fil-ħolqien. Il-ħolqien jidħol bosta drabi fil-poeżija bħala sfond, bħal meta l-poeta jagħtina deħra ta' tfajla raħlija tirgħa n-ngħaġ u jiddeskrivi l-ħolqien li jinsab madwar it-tfajla tan-ngħaġ. Jew il-poeta jgħanni b'qalb imnikkta dwar xi ħadd qiegħed jindifen fiċ-ċimiterju u jsemmi ċ-ċipress, il-fjuri fuq il-qabar, eċċ. F'dal-kas il-poeta ma jkunx semma' l-ħolqien bħala s-suġġett ewlieni tal-poeżija biex jibni s-suġġett fuq xebh mal-ħolqien applikat għalih stess, iżda hawn il-ħolqien jidħol biss bħala sfond biex joħloq l-atmosfera meħtieġa għas-suġġett ewlieni li jista' jkun is-sempliċità ta' tfajla raħlija, niket waqt li t-tebut nieżel fil-qabar, eċċ. Jista', ukoll meta l-ħolqien jidħol fil-poeżija bħala sfond biss, jinġibdu tixbihat mill-ħolqien bħal meta l-poeta jxebbah iċ-ċipress ma' ħafna swaba' werrejja juru lejn is-sema biex jgħidulna li hemm biss tinsab il-hena dejjiema mhux fgata dejjem bin-niket. Iżda f'dan il-kas it-tixbiha meħuda mill-ħolqien mhix is-suġġett ewlieni tal-poeżija.

Ukoll meta l-ħolqien jissemma bħala s-suġġett ewlieni f'poeżija mhux bilfors li nsibu lill-poeta jxebbah lilu nnifsu mal-ħolqien. Jista' l-poeta ma jagħmel l-ebda xebh personali mal-ħolqien, iżda jfisser biss xi tqanqil u xi ħsibijiet iġiblu l-ħolqien li għandu quddiem għajnejh. Fil-poeżija "The Daffodils", William Wordsworth ma jxebbahx lilu nnifsu mal-fjuri, iżda jgħid kif dik id-deħra sabiħa ta' ħafna 'daffodils' baqgħet ukoll wara li kien raħom tpaxxilu għajnejh billi jerġa' jimmaġinahom quddiemu. Mela, ukoll meta l-poeta japplika l-ħolqien għalih innifsu, mhux dejjem jagħmel xebh personali, iżda lill-ħolqien bosta drabi japplikah għalih billi joħloqlu ħsibijiet jew tqanqil jew tifkirijiet.

Jidħol b'liema mod jidħol, il-ħolqien fil-poeżija, bħala suġġett ewlieni jew bħala sfond, bħala xebh persunali mal-poeta jew bħala għajn ta' tqanqil ta' ferħ jew niket, dejjem insibu li l-ħolqien huwa għajn dejjem tfawwar għall-poeżija. Tabilħaqq, kieku ma kienx hawn il-ħolqien ma nafx jistax ikun hawn poeżija!

# L-Istorja ta' Guzepp l Iswed

*Ta'* G. Aquilina

KULHADD kien jafu lil Ġużepp l-Iswed. Kien daqsxejn ħaj, imma fl-istess ħin minn tagħna wkoll. Lili kien iġibni ħafna. Meta kien jilmaħni għaddej minn quddiem il-ħanut tiegħu, kien iħalli dak li kien ikollu f'idejh u erħilu joħroġ barra jsejjaħli: "Ara s-sinjur! Ejja ħu qatra", u billi kien jafni meta kont għadni tifel, ħafna drabi kien isejjaħli b'ismi. Mhux dejjem kien ikolli l-ħin nieqaf; u kont nara kif nixxiħħajr u neħles minnu ħalli nibqa' sejjer. Imma hu kien jibqa' jinsisti. Għax ma rridx ninsa ngħidilkom li qabel ma mort noqgħod Malta jiena għaddejt tfuliti fir-raħal tiegħu. Kont nagħmilha ma' wliedu. Ma konniex ngħaddu għal xulxin u min jaf kemm-il darba kont immur nilgħab magħhom id-dar tiegħu, u sa ġie li skartajna l-iskola flimkien: Karmnu, Toni, Frenċ u Karmelina. Araha ġejja bħalissa bil-qolla fuq rasha! Kemm kienet ħelwa meta kienet għadha żgħira, u kemm hi ħelwa l-lum. Il-lum miżżewġa, omm ta' tlitt itfal u wiċċha warda. Lanqas irrid niftakar x'kont inħoss għaliha ta' tifel li kont, għax il-lum li kbirt, nistħi mill-fantasija tat tfulija. Imma, nerġa' ngħid, kienet sabiħa ħafna u ommha u missierha tgħidx kemm kienu mkabbrin biha. Ħares lejha; araha ġejja. Wiċċha jbigħ is-saħħa. Il-qolla mwieżna fuq il-kagħwara, tistħajjilha waħda minn dawk il-pasturi nisa li jien kont nagħmel fil-presepju tal-Milied.

"Ara s-sinjur reġa' ġie"; qaltli malli ratni. Għax, tgħid xi tgħid, għalkemm iż-żmien igħaddi, il-ħbiberija ta' meta nkunu tfal tibqa' ħajja. U jekk mingħalik tkun insejtha, ħalli terġa' tiltaqa' mal-ħbieb ta' tfulitek għoxrin sena wara u tara kif kollox jerġa' jiġi quddiem għajnejk. Bħalma ġara lili. F'daqqa waħda moħħi mar għoxrin sena lura. "Ara Karmena", weġibtha. U biex ma nħallix il-mistħija tagħlqilna ħalqna, fakkartha fl-imgħoddi. "Tiftakar, Karmelina", staqsejtha, "meta konna tfal, kemm konna nieħdu gost nibnu dwejra tal-ġebel fil-bitħa tal-kalkara?"

"Kemm ilu dak iż-żmien?"
"U m'ilux għoxrin sena?"

Dak kien żmien—meta konna għadna tfal! Kif kollox jitbiddel. Imma, bilħaqq, ma rridx ninsa lil missierha Ġużepp. Darba dħalt nieħu qatra miegħu u trid taraħ il-ħin kollu jitkellem miegħi jfakkarni fl-imgħoddi, fil-barba Toni u l-barba Żepp, u fl-Arċipriet li kien abbati miegħi u ħafna ħwejjeġ oħra, biex, bħal dak li qallu, il-ħbieb li kellu l-ħanut jixorbu pinta inbid ikunu jafu li Ġużepp, nervuż kemm trid, imma jagħmilha malpuliti.

Jiena wkoll kont nieħu pjaċir nitkellem ma' Ġużepp l-Iswed għaliex għalkemm jiena kien ilni li tlaqt mir-raħal u kont raġel magħmul, Ġużepp għalija kien ifakkarni fid-dar li twelidt fiha fir-raħal ta' żewġ triqat fejn kbirt, fl-għetiebi kiesħa tal-għoroi qodma, fit-triqat bla luċelettrika bil-fanali jnewnmu.

Fi ftit kliem, Ġużepp għalija kien tifkira ta' l-imgħoddi. Martu, Ġorġa, kienet mara sabiħa. Bintha Karmela li għadni kif semmejtilkom lilha kienet tixbah. Ġorġa kienet tħobb lil żewġha b'imħabba għamja. Issa ħaġa tal-għaġeb, dar-raġel għalkemm kien qalbu tajba, daqs kemm kien nervuż, meta kien jitilgħulu kien jitlef il-boxxla. Nistħi ngħid għax nirrispettah ħafna. Meta kien jagħdab, kien isawwat 'l uliedu u lil martu. Għadni naraħ, lill-mara jsawwatha bil-frosta fuq rasha u fuq daharha minn fuq il-karettun mgħobbi qatet tal-ġdur li kien iġib mit-Triq tal-Għajn għall-bejgħ. Għadni naraha tinżel għarkubbtejha titolbu bil-ħniena "Ġuż, la tagħmillix hekk; la tagħmillix hekk." U t-tfal kienu jinġabru madwarhom lesti biex jaħbtu għal missierhom, mn'Alla kienu jindaħlu l-ġirien, iferrquhom u jberrduhom. Xena li taqsamlek qalbek. Għax Ġużepp kien nervuż biss; ma kienx qalbu ħażina. Kien jintilef minn sensih. Imma, darba waħda, waqt li kien qed isawwat lil Ġorġa b'daqqiet ta' skuljata, b'qilla akbar minn tas-soltu, Ġorġa lir-raġel xtaqitlu s-saħta. "Tobgħodni" werżqet f'wiċċu "u jiena nħobbok. Narrak tmut soptu u jġorruk ix-xjaten l-infern bil-karrettun b'kollox — hekk kif int issa, bil-frosta f'idejk..." Ġużepp raġa' sawwatha u hi daħlet id-dar tixher.

Qalbi kienet tingħafas għal Ġorġa u għal Ġużepp wkoll. Kos, biex bniedem iħobb lil martu u, madanakollu, meta jitlagħlu jsawwatha, bil-fors ma kienx ikun jaf x'inhu jagħmel. L-għada jien mort ir-Rabat inqatta' ġimgħa ma' ħabib: x'ħin irġajt mort ir-raħal lil Ġużepp insibu fil-bieb tal-ħanut jistennieni ngħaddi minn quddiem il-ħanut tiegħu. Malli ġejt biswitu għajjatli: "Sinjur, ejja ħu qatra miegħi". Jiena dħalt biex nieħu

l-okkażjoni ngħidlu li ma kienx għamel sewwa jsawwat lil martu. Imma Ġużepp ma qagħadx jistenna lili nwaqqa' l-kliem fuq dak li kien għamel lil martu. Qalli hu stess. "Kemm jien ibleh, hux meta jitlagħli! Ma nafx xi nħoss ibaqbaq ġo fija. Meta ninkorla nintilef. Donni nħoss xi ħaġa terfagħli driegħi, tħarrikli lsieni: ngħid kliem li ma rridx ngħidu, u dak il-ħin Alla ħares min imerini. Wara, sinjur, jiddispjaċini. Wara, nidħol fil-għorfa tiegħi fejn ma jarani ħadd u nibki waħdi. Għaliex jien nervuż, u meta jkolli n-nervi ngħid kliem li nistħi minnu."

Jien kont naf kemm Ġużepp kien qalbu tajba. Taptaptlu fuq spalltu u, wara li għedtlu xi kliem fuq ħaġa oħra biex ma nfakkrux, tlaqt il barra. Ġorġa, qabel ilħaqt meddejt riġli fuq il-għatba, sellmitli u qaltli "Saħħa, sinjur" u kellha tbissima ħiemda fuq wiċċha.

Qabel ilħaqt ħriġt, marret fejn żewġha wara l-bank tal-ħanut. Żewġha dawwar driegħu ma' qaddha u hi xeħtet rasha fuq spalltu. Dak il-ħin donnhom riedu jgħiduli "Aħna ninħabbu, tiħux għalina, sinjur. Żewġi nervuż: u jiena dak li għidt ma kelli l-ebda xewqa ngħidu." Sellemtilhom b'idi u tbissmu u ħriġt il barra kuntent. Fl-aħħar mill-aħħar il-bniedem huwa taddemm u l-laħam u mhux dejjem ikun jiflaħ għall-kuntrarju. Dak li jgħid fis-saħna ma tridx tieħu għalih. Ftit taż-żmien wara kelli nitlaq mir-raħal biex nagħmel sena nistudja barra. Malli ġejt lura, irġajt mort ir-raħal. Iltqajt ma' Ġorġa: "Ara Ġorġa," għedtilha. "Ara s-sinjur" qaltli. Harist lejha ssummat, għax rajtha magħluba wisq, wiċċha mixrub, għajnejha fil-ħofra. "X'għandek, Ġorġ ma nafx kif qed narak? Ma jidhirlix li ħallejtek hekk is-sena l-oħra, jaqaw ma tiflaħx?"

Ma wieġbet xejn. Imma rajt id-dmugħ jaqbeż f'għajnejha. "U Ġużepp kif inhu?" staqsejtha. Ma kinetx kelma. Infaqgħet tibki. "Ġużepp, ħalliena miskin. Miet f'daqqa. U taf kif miet, sinjur?... taf kif miet?... Meta niftakar inħossni sa niġġennen. Miet fuq karrettun mgħobbi l-ġdur. X'ħin irsaqt lejh biex noħodlu l-qatta minn idejh, sfar, għalaq għajnejh, waqa' fuqi bil-qatta b'kollox, waqa' minn fuq il-karettun mgħobbi l-ġdur bħal dak in-nhar li sawwatni u jiena... jiena xtaqtlu s-saħta... X'ħin waqa' fuqi jena ftakart bis-saħta li tlabt għalih fis-saħna; fid-

dagħwa li dgħajtlu bix-xewqa li jmut soptu u x-xjaten iġorruh l-infern bil-karrettun b'kollox. U issa, sinjur, ma għandix sabar, Tgħid, sinjur, kliemi wasal, tgħid jiena naħti?".

Sabbartha mill-aħjar li stajt; rajt kemm hija kbira l-imħabba ta' mara li tħobb ir-raġel, f'ħajtu u wara mewtu. Fl-aħħar mill-aħħar, għidt bejni u bejn ruħi, "Ġużepp kien isawwatha bħal bhima; nervuż kemm trid, imma kien isawwatha u meta kien jitlagħlu kien infexx fiha u fit-tfal. Raġel bħal dan x'kellha x'tambih Ġorġa? Mhux aħjar mingħajru?" Imma mur għidilha hekk. Għidtilha li dawk ħmerijiet ta' rasha; sabbartha kif stajt u tlaqtha.

Ftit taż-żmien wara smajt ħaġa fuq Ġorġa li nikktitni wisq. Qaluli illi moħħha beda jagħja, waqgħet fid-debbulizzi, kif jgħidu fir-raħal tiegħi, u ma baqgħetx iżjed Ġorġa ta' dari, sabiħa u ferrieħa. Uliedha daru biha, ġabulha tabib, minn Malta, imma hija baqgħet dejjem mhewdna bis-saħta li kienet xtaqet lil żewġha. U qalu li darba waħda hi u għaddejja minn fejn iċ-ċimiterju li jiġi bejn ix-Xagħra u x-Xewkija fejn difnu 'l Ġużepp tagħha, rat karrettun u raġel fuqu isuq bagħal iswed bħal dak li kellu żewġha meta kien iġorr it-tgħabi tal-ġdur u ħxejjex oħra mit-Triq tal-Għajn. Ir-raġel li ratu jsuq, kellu wiċċu mdawwar naħa oħra biex ma jħarisx lejha, donnu nkurlat għaliha; imma għar-fitu, qalet li kien żewġha Ġużepp u hija marret tiġri wara dak il-karrettun tgħajjat kemm għandha saħħa:

"Ġużepp, aħfirli... aħfirli... jiena ma ridtx nixtieqlek is-saħta... kienet kelma li qabżet minn xufftejja. Għaliex, Ġużepp, inti taf illi int kont issawwatni ħafna u li jiena kont inħobbok u bqajt inħobbok... imma dak in-nhar waġġajtni wisq u jiena... jiena, ma flaħtx iżjed... u...

Qaluli li wara, ta' kuljum, ma taqta' qatt, Ġorġa baqgħet tmur titlob għal ruħu f'dak iċ-ċimiterju li jaħbat bejn ix-Xewkija u x-Xagħra u x'ħin toħroġ tintasab fuq l-għatba taċ-ċimiterju tgħid ir-Rużarju u r-*rekwem eterni*, għal ruħu, għall-erwieħ kollha tal-purgatorju u għall-erwieħ abbandunati wkoll. Ħadd ma sata' jneħħilha minn rasha li dak ir-raġel li hi qalet li kienet rat ma kienx Ġużepp tagħha qed ipatti għal dnubietu f'din id-dinja talli hija xtaqitlu s-saħta. Kulma kienu jgħidulha wliedha

kien kollu għalxejn. Baqgħet tmur iċ-ċimiterju ta' kull fil-għaxija bit-tama li xi darba kienet għad targa' tara lil dak ir-raġel isuq bagħal iswed jiġbed il-krrettun mgħobbi l-ġdur, dak ir-raġel li kien dawwar wiċċu n-naħa l-'oħra biex ma jħarisx lejha għax kien inkurlat għaliha talli seħtitu... Le, le, dak ir-raġel ma sata' kien ħadd ħlief żewġha Ġużepp qed ibati mħabba fiha. Lil uliedha li kienu jitolbuha bl-akbar ħerqa biex ma tgħarraqx saħħitha iżjed, dejjem kienet twieġibhom li kienet bi ħsiebha tibqa' tmur tgħid r-rużarju ċ-ċimiterju sa ma kienet tkun żgura li Alla lil Ġużepp tagħha ħafirlu dnubietu u neħħielu s-saħta li xtaqitlu...

Miskina Ġorġa! Kemm kellha tara ma' wiċċha. Rat ħafna bit-tfal sa ma rabbiethom; rat ħafna b'żewġha meta kien għadu ħaj u rat ħafna bih meta miet. Uliedha, mitlufin warajha, jixtiequ jagħtu ġidhom u jfejquha minn din il-fissazzjoni. Bil-ħaqq, insejt ngħidilkom li wieħed mit-tfal tagħha, Frenċ, wara li miet missieru, daħal ajk mal-kabuċċini. Kien l-aktar wieħed ċajtier fost ħutu u tgħidx kemm konna ħbieb jiena u hu. Il-bieraħ ċemplitlu l-kunvent. Staqsejtu għal ommu. B'leħen imnikket qalli li baqgħet sejra għall-agħar; li mindu miet missieru ma ħadetx ruħ u għadha tħewden fuqu, ħadd ma jista' jfehimha li dak ir-raġel li rat isuq bagħal iswed bejn iċ-ċimiterju tax-Xewkija u x-Xagħra ma kienx żewġha. Qalli wkoll li ġimgħa ilu nies li kienu għaddejjin minn fejn iċ-ċimiterju rawha mixħuta fl-art wiċċha 'l isfel mat-trab. Kien taha ħass ħażin. Qalu lill-pulizija tar-raħal. Dan qabadha u bagħatha l-isptar. Issa qiegħda hemm dejjem mhewdna fuq is-saħta li xtaqet lil Ġużeppi tagħha. Ftehimt miegħu li malli nkun nista', u hija tkun fi stat li titkellem man-nies, jiena u hu mmorru narawha l-Isptar flimkien. Min jaf, forsi jirnexxili nfehemha li Alla ma jiħux għal dak li jgħidu n-nies meta jkunu mdejqin... li Alla, għalhekk, ma ħax għas-saħta li hija xtaqet lil Ġużepp tagħha u lanqas għall-kliem li Ġużepp tagħha kien jgħid meta jitlagħlu u jitlef il-boxxla.

## LIL MADLIENA

*Ta'* G. Micallef Grimaud

Kemm kienu,
Madliena,
li ġew biex jissakru,
l-għatxana għas-sbuħija ta' ġismek żagħżugħ?
Kemm ikenu,
Madliena,
li harġu sikrana,
jirtogħdu
bis-saħna ta' deni m'nn imħabba bla ruħ?

Min jaf? Biss —
Tgħidilna,
Madliena,
L- Istorja tal-ħajja
tal-Bniedem u Alla li kienu sallbuħ,
li fuqu
fost kollha
ħlejt l-isħaħ u l-eqqel
imħabba :
li lilu tajt kollha l-imħabba tar-ruħ.

## QABEL IL-LEJL (*)

*Ta'* Joseph M. Ciappara

Minn fuq is-swar, nitnikker fil-għaxija,
ilmaħt ix-xemx titħarrab mis-smewwiet,
u rajtha nieżla xxerred l-aħħar dija,
u ssib mistrieħ fix-xefaq tal-għoljiet.

Ilmaħt żagħżugħ u tfajla fil-mogħdija
li tibqa' tilwi qalb l-irdumijiet;
u smajt il-klieb tal-għassa għalenija
itennu n-nebħa twila ta' l-imwiet.

Il-friefet harġu tal-lejl li kien ġej;
fis-skiet indifnet il-qalb tal-ħolqien,
u d-dalma ħonqot u sakkret l-imħuħ :

u tnissel fija biża' kbir, Mulej,
li 'l-bniedem ħati ma taghtix qawmien
minn dik ir-raqda li tmarrad ir-ruħ.

(*) Fuq is-swar ta' Howard Gardens, ir-Rabat, int u tħares lejn l-Imtarfa.

# AQTA' JIESEK LI TARANI...

## Radjoxena ta' A. CREMONA

**EDDIE**
**TESSIE**
**ĊUŻA**
**EMILY**
**VIRA**
**DORIS**
**CHAUFFEUR**
**ALFJO, il-Baronċin**
**KONDUTTUR**

NARRATUR :—

*Fil-Ġnien ta' Hastings il-Belt Valletta. Wara nofs in-nhar, Mejju ta' l-1954. EDDIE u TESSIE bil-qiegħda fuq bank taħt siġra f'rokna tal-ġnien.*

EDDIE : *(b'leħen qawwi u mgħaddab)* Ma rridx nisma'. Għidtlek li mhux pjaċir tiegħi li tmur......

TESSIE : Imma inti jidhirlek li għandi nonqos? Ħbiebi l-studentessi sejrin ukoll...... sejra magħhom...... Vira, Marċella, Ċeċilja...... kollha bniet bħali...... Wegħednieha li sejrin... l-għarus tagħha student magħna...... il-papà u l-mamà tagħha xtaqu li sħabha kollha jkunu hemm...... daqsxejn ta' *party* familjari...... li kieku konna għarajjes kienu jistiednu lilek ukoll......

EDDIE : Għidtlek ma rridx naf u ma rridx nisma'......

TESSIE : Imma ismagħni ftit...... Li kieku kont mistieden int u jien le, jidhirlek li ma nħallikx tmur?...... Ingagħlek tonqos?...... Kemm kont tgħid li jiena naħseb baxx...... li jiena ma nafx x'inhi etiketta...... li bħala studentessa f'Università jmissni naħseb ftit aħjar......

EDDIE :— Tiġinix b'dawn il-paraguni ta' mħuħ fiergħa ... Jien il-lum għandi l-jedd nindaħallek u nqis il-passi tiegħek ... Ma jimpurtanix kif taħsbu intom ta' l-Università ... Naf li mindu dħalt hemm ġew u qed tagħmilha ma' xi erba' studenti subien, int u sħabek jidhrilkom li għandkom tagħtu l-ġenb lil kull ġuvni ieħor ... ukoll jekk dan ... Tessie isma' x'qed ingħidlek, jekk bi ħsiebek, meta trid tagħmel xi kapriċċ bħal dan, toqgħod iġġibli dawn l-argumenti, biex ma ngħidlekx pretesti, tista' mil-lum ma tgħoddnix iżjed għal miegħek ... int li dari mingħajri ma kontx tagħmel pass fil-ħinijiet liberi tiegħek......

TESSIE : Imma din ċirkustanza barranija, għandek tkun daqsxejn waħda raġunevoli ......

EDDIE : Fejn hemm rabta bħal ma bi tagħna t-tnejn ma hemmx raġuni. Għidtlek li ma tmurx u m'għandekx tmur......

TESSIE : Jiena wegħedt li mmur u ma rridx nonqos minn kelmti......

EDDIE : Il-kelma tiegħek ma tgħodd xejn, fejn jiena ma għandix pjaċir li inti tmur. La tarġax tgħidli li int ftehimt u tajt il-kelma. Mingħajrek il-*party* isir ... il-kumpannija tiegħek mhi sa żżid u lanqas tnaqqas mill-allegrija u l-ferħ tal-mistednin.........

TESSIE : U mbagħad x'jgħidu? — Tridni ngħidilhom li inti ma ħallejtnix ... Toħroġ ta' għajjur ... minn dawk l-għajjurin ta' barra mill-moda, u jien ta' belha li noqgħod għal dawn l-ordnijiet ta' tfal... Isa Eddie ... Kun daqsxejn waħda raġunevoli... tħallinix nagħmel dan it-tort ... Sħabi ibda biex jidħku bija......

EDDIE : Għajjurin ta' barra mill-moda ... ordnijiet ta' tfal ...... Ara x'qed ingħidlek, Tess... jekk inti sirt hekk għarfa u moħħok sar hekk għoli fuq l-idejiet baxxi ta' dari ... irrid ingħid ta' xebbiet li jafu jgħożżu ġuvni, u ma jagħmlu xejn li jista' jweġġagħlu qalbu ... jekk inti, mindu qed taqra ċerti kotba ... rumanzi, irrid ingħid, u sħabek ta' l-Università, milli jidher, qegħdin jagħtuk dawn il-lezzjonijiet ta' *emanċipazzjoni femmenili*, kif darba ħbatt issemmili, lil Eddie m'għandekx xi tridu ... sib xi wieħed minn dawk il-boloħ ta' studenti li fetħulek moħħok......

TESSIE : Kemm ħadtha bi kbira għalxejn ... anqas li ma drajtnix, anqas li ma wrejtekx kemm jiena tassew ngħoż-

żok u li jiena m'iniex hekk belha li m'għandekx tafdani f'daqsxejn ta' *Party*, meta fl-aħħarnett din l-istedina ta' *Party* hija ħaġa konvenzjonali ... ta' etiketta; imissek taf biżżejjed x'jien ... sal-lum imissek drajtni biżżejjed ... u m'iniex sa nipprofitta ruħi b'okkażjoni hekk komuni biex niskartak......

EDDIE : Drajtek, drajtek, u naf x'int kapaċi tagħmel imqar f'okkażjonijiet hekk konvenzjonali ... ta' etiketta ... komuni ... sejħilhom li trid ... imbagħad erħilek tagħmel kapriċċik...

TESSIE : Jien kapriċċija? ... Għidli meta nqastek ...

EDDIE : X'ılu li konna flimkien fil-ballu ta' l-istudenti u ħallejtni f'rokna tas-sala waħdi, qisni l-kanjolin tiegħek... Malli lmaħt lil dak iż-żagħżugħ jitkellem ma' żewġ xebbiet sħabek ... donnok ilmaħt xi ġawhra ... "Dal-waqt ġejja, Eddie" għidtli minn taħt il-lsien, u tlaqtni biex mort tpaċpaċ miegħu u ma' dawk il-ħelwin ta' sħabek ... u bqajt magħhom, qisni ma kont qatt miegħek. Sħabek stess iħarsu lejja u jegħemżu lil xulxin. Għajnejk ma qlajthomx minn għajnejh ... Ma stennejtux jgħidlek darbtejn biex tmur tiżfen miegħu ... U lili ħallejtni nistenniek ... Ftakar Tess... Dan m'ilux is-snin ... xahar ilu. Imbagħad tosta, tosta, l-għada ġejt tfittixni l-Uffizzju ... u għalkemm ma ħadtx tiegħek minn fuq għax jiena tlaqt mis-sala. Kont darba ibleh li ħfirtlek. Imma ma targax tkun......

TESSIE : X'rídtni nagħmel? Dak tarġa' kuġin tiegħi ... kien għadu kif ġie minn barra......

EDDIE : Kuġin u mhux kuġin, ma jimpurtanix. Il-kuġini, għalija, l-iktar nies perikulużi......

TESSIE : Imma x'ridtni nagħmel?

EDDIE : Dmirek taf biżżejjed x'inhu. Meta tkun ma' ġuvni, hu x'inhu, namrat, għarus, ħabib, m'għandekx tagħtih il-ġenb u tmur tingħaqad ma' kumpannija oħra ...... kuġini, ħbieb, huma x'inhuma...... u mbagħad taċċetta stedina ta' żifna u tħalli l-kumpann tiegħek f'rokna waħdu bħalma ħallejt lili...... u lanqas biss ma titlobni biex tiżfen ma' ħaddieħor. Minn dik il-lejla, Tess, jien ħadt idea ħażina tiegħek...... ħadtek li inti kapriċċuża u li inti ma tgħoddx għal miegħi.

TESSIE : U le, Eddie, x'inti tgħid...... x'inti toħlom?

EDDIE : Ma noħlom xejn. Naqtgħuha. Inti trid tmur il-*party*. Mur. Inti minni ma tridx tisma'. Trid tagħmel kapriċċik. Imma kun af li jekk inti tagħmel ta' rasek, lili tfittixnix iżjed. Aqta' jiesek li tarani......

TESSIE : Imma dan iż-żejjed. Ma nistax nagħmel pass bik. Inti mela trid tjassarni mn'issa...... Le, le, dan ma noqgħodx għalih. *(tinfexx tibki)*

EDDIE : Mur mela, u agħmel ta' rasek. *(b'leħen sod u għoli)* Jekk għada fis-sitta ta' wara nofs in-nhar ma narakx hawnhekk, aqta' jiesek li tarani iżjed b'għajnejk!

TESSIE : *(tolfoq)* Iva, jien immur; għax m'iniex irsira tiegħek.

EDDIE : Saħħa...... Mur, itlaq, mur...... u agħmel ta' rasek..

TESSIE : *(jinstama l-biki ta' Tessie).*

NARRATUR :—

*TESSIE wara li telqet lil EDDIE fil-Ġnien ta' Hastings, qabdet l-ewwel triq li tieħu għall-Bieb ta' Putirjal, tixxotta d-dmugħ b'maktur żgħir li ħarġet mill-borża. Kif sejra tilwi l-kantuniera ta' quddiem it-Teatru Rjal, jilmħuha sħabha weqfin fil-kantuniera tat-triq li tagħti għal fuq il-Barrakka.*

*ĠUŻA, SOFIE, VIRA jitħaddtu bejniethom, filwaqt li jilmħu lil TESSIE.*

VIRA : *(tarfa' rasha)* Ġejja Tessie . Ħabat tajjeb, infakkruha għal għada.

ĠUŻA : Iva, Vir, isa qabel ma tilwi l-kantuniera u tibqa' sejra.

SOFIE. Imxi nilħquha.

*(PAWSA)*

VIRA : Tessie! Tessie!

ĠUŻA : Fejn sejra?

TESSIE : Sejra d-dar.

ĠUŻA : Oqgħod ftit magħna. X'għaġla għandek? Għadu tant il-ħin.

TESSIE : Ma noqgħodx, Ġuża għax, biex ingħidlek, għandha tiġi z-zija Tereż, għax jumejn oħra sejra mat-tfal il-Kanada fejn żewġha. Għat-tmienja kellha tkun id-dar.

SOFIE : Jaħasra kont tiġi magħna t-Talkies. Nilħqu tas-sebgħa l-Coliseum. Hemm film ġdid...... mistagħġbin kemm hu sabiħ.

TESSIE : Kont niġi...... grazzi ħafna, Sofie...... Jien nilħaq narakom darb'oħra......

VIRA : Żgur li tarana...... Inti għada ġejja l-*party* ta' Marie Rose, hux tassew?

TESSIE : Iva niġi...... Naħseb li niġi, jekk ma jinqala' xejn...

ĠUŻA : Kif?...... Ma tiġix?......

SOFIE : Qis li ma tonqosx, Tess...... Aħna tal-kors tagħna kollha ġejjin...... Subien u bniet......

VIRA : X'għandek, Tess?...... Jaqaw daqsxejn waħda skunċertata?...... Għandek għajnejk ħomor......

TESSIE : Le, le, xejn...... ħaġa żgħira......

SOFIE : Ħaġa żgira?......

ĠUŻA : Tessie mhux f'sessiha......

VIRA : Jaqaw kellek xi tgħid ma' Eddie?......

TESSIE : Le...... ħaġa żgħira.

VIRA : U għal ħaġa żgħira tagħmel dak il-wiċċ?......Inti dejjem daħkana!

TESSIE : Biex ingħidlek, Vir, kellna daqsxejn ta' ġlieda jiena u Eddie...... inti taf kif inhu Eddie...... xejn m'hu bħall-ġuvintur l-oħra...... bħal sħabna ta' l-Università......Jidhirlu li ma għandi mmur imkien jekk mhux miegħu...... u fettillu f'rasu li ma jħallinix niġi għal dan il-*party*.

VIRA : Isma' Tess, jekk inti lil Eddie toqgħodlu għal kull ma jrid hu, tista' tgħid li l-libertà spiċċat għalik, u li għada jew pitgħada għad tindem li ntrabatt miegħu...... Isma' minni, Tess, tħallihx jikkmandak. Iddarrihx tieħu l-permess minnn għandu għal kull pass li tagħmel, l-iktar meta jkollok tmur ma' ħbiebek għal xi *party*, żfin u x'naf jien.

ĠUŻA : Sewwa qiegħda tgħidlek Vira, Tess...... tħallihx jikkmandak.

SOFIE : U dan għarus, aħseb u ara meta jkun żewġek.

TESSIE : Le, mhux għarus, Sof... s'issa għadna namrati...... ilna nitkellmu xi sitt xhur. Il-papà u l-mamà għadhom ma jafu xejn.

SOFIE : Iktar u iktar, mela, m'għandekx tħallih jitla' fuq rasek......

ĠUŻA : Li kont jien, ili li tajtu l-qoffa.

TESSIE : Għax biex ingħidilkom, fost il-ġuvintur li kont inkellem, miegħu li s'issa ħadt grazzja.

VIRA : L-aħjar ħaġa, mela, fittex li taħarbu u aqta' minn miegħu mill-ewwel, għax għada jew pitgħada għad tindem.

Inti, taf, Tess, kemm ġuvintur kont inkellem, u kemm kont nisserdqilhom. Meta ħabtu jikkmandawni, tlaqthom; il-lum mhux ħlief jiġru warajja biex jerġgħu jaqbdu miegħi; imma la naf x'inhuma tajthom il-ġenb għal dejjem, u wrejthom li l-ebda raġel m'hu ser jitla' fuq rasi. Ix-xebbiet tal-lum m'humiex dawk il-mogħoż ta' dari.

ĠUŻA : La toqgħod taħsibha xejn, Tess, u ejja l-*party;* meta jara li inti ma tajtx kas tiegħu, ma jerġax ikellmek u jimpedik minn *parties*, kunerti, żfin, u x'naf jien, tibżax.

SOFIE : Ejja, Tess, ejja. La titlifx okkażjoni bħal din. Ikun hemm Joe Sant, dak iċ-ċajtier li fil-ballu tal-Karnival kien tant ggħalna nidħku. Charlie Frendo, li għamel il-bussolotti u t-telepatija.

ĠUŻA : Ejja, ejja..... ħallik minn Eddie. La tiħux għalih. Aktar ma tikkuntentah, agħar. Dawn ma tridx iddarrihom jikkmandawk.

VIRA : Inti, imbagħad, kemm ħadtha bis-serjetà...... mhux soltu tiegħek...... daqskemm kont toħodhom biċ-ċajt lil dawk li kont tkellem dari malli tarahom qed igħiru meta xi student f'xi *tea-party*, jew f'ballu, kien jiġi jiċċajta miegħek, jew joqgħod jitħaddet miegħek f'rokna, jimpenjak għal xi żifna...

TESSIE : Tassew, għandek raġun... imma dan Eddie donnu għamilli xi magħmul.

SOFIE : Għandek tgħid li ħallejtu jitla' fuq rasek.

ĠUŻA : Ara, Tess, agħlaq għajnejk u agħmel fattik. Jagħmel il-geddum għal xi jumejn u jgħaddilu.

TESSIE : Fejn tafu kemm għandu rasu iebsa. Ma stajt nipperswadih b'xejn. Meta ra li jien ma ċedejtlux, heddidni li jekk immur il-*party*, jitlaqni għal kollox.

ĠUŻA : *(tidħak)* Ha, ħa...... u inti bżajt li titilfu. Jaħasra għalik. Messek għidtlu fl-aħħar minn ta' l-aħħar, il-ġuvintur, il-lum il-ġurnata, roħsu u xbajna narawhom iduru ma saqajna. Bħal Eddie, hawn mija...... hekk messek għidtlu...... tara kemm kien ibaxxi l-għalla dak id-daqsxejn ta' serduk li għandek......

TESSIE : Jien ma għidtlu xejn ħlief li jien m'iniex irsira tiegħu, u l-*party* immur......

VIRA : Brava.

SOFIE : Brava.

ĠUŻA : Ara li tiġi.

VIRA : Qis li inti tiġi. Nistennewk, Tess.

ĠUŻ : Aħna sejrin, Tess...... ghax sar il-ħin. Sa nitilqu la ma tridx tiġi magħna t-Talkies.

TESSIE : Mhux għax ma xtaqtx niġi, imma, bħalma għidtilkom, għalija sar il-ħin ukoll...... diġà qgħadt nitħaddet magħkom iżjed milli messni...... iz-zija, dal-ħin, nistħajjilha diġà qiegħda d-dar; ma rridx li titlaq u ma narahiex.

SOFIE : Saħħa, mela, Tess......

VIRA : Saħħa...... għada narawk......

TESSIE : Saħħa......

*NARRATUR:—*

*L-għada. Fil-5 ta' wara nofs in-nhar. Il-Pjazza ta' Kastilja. It-Terminus tal-Buses ta' Ħal Lija.*

TESSIE : *(Li għadha kif waslet u tersaq lejn karozza tal-linja ta' Ħal Lija. Lill-kondutturr).* Iddum ma titlaq il-karozza ta' Ħal Lija?

KONDUTTUR : Nofs siegħa. L-oħra għadha kif telqet.

TESSIE : Kont daqsxejn waħda mgħaġġla.

*(Jinstema' d-daqq ta' horn ta' car. Ħoss ta' car jieqaf)*

ALFJO : *(Jiftaħ il-bieba ta' quddiem tal-car u jistaqsi lil TESSIE)* Għalfejn int Tess?......

TESSIE : Ara s-Sur Alfjo! Nistenna titlaq il-karozza ta' Ħal Lija. Għadha kif telqet l-oħra. Ikolli nistenna nofs siegħa oħra.

ALFJO : Jekk int mgħaġġla nwasslek jien......

TESSIE : Mgħaġġla u m'inhiex...... Għax biex ingħidlek għadu kieku l-ħin...... X'ħin għandek Barunċin?

ALFJO : Il-ħamsa u ħames minuti.

TESSIE : Xtaqt inkun qabel il-ħin. Mistiedna f'*party* ta' waħda ħabiba tiegħi...... tistudja miegħi...... għadha kif tgħarrset ma' student ieħor, Joe De Brincat...... forsi tafu...... *Party* ta' għerusija...... imma ma nafx noqgħodx wisq għandhom... Lanqas naf x'nibda nagħmel......

ALFJO : Inti irkeb...... imbagħad la tasal......

TESSIE : Int għalfejn int, Barunċin?

ALFJO : Jien għal San Pawl il-Baħar...... għall-Villa...immur inqatta' siegħa fil-ġnien......

TESSIE : Tajjeb...... jekk għandek pjaċir u ma niskomodakx nista' niġi.

ALFJO : Bil-pjaċir kollu...... oqgħod ma' ġenbi...... Jimporta?

TESSIE : Jekk ma ndejqekx.

ALFJO : Xejn affattu.
*(Hoss ta' ċaqliq ta' makna u mixi ta' karozza. Daqq ta' horn).*

ALFJO : Ili żmien ma narak, Tess...... fejn hi rasek dil-ħabta? L-aħħar li rajtek fil-ballu tal-Borża......

TESSIE : Ma tantx qiegħda noħroġ, Barun...... Irrid ingħid nidher bħal dari ġewwa l-Belt ħlief fil-għodu biex immur l-Università...... Ma' sħabi ftit għadni noħroġ......

ALFJO : Deherli li rajtek ma' ġuvni...... xi ġimgħa ilu...... sejra lejn il-Barrakka...... jiena u dieħel bil-karozza għal fuq Kastilja...... Rajt sewwa?

TESSIE : Iva...... ma' Eddie......

ALFJO : Eddie...... Nafu mpjegat il-Bank......

TESSIE : M'ilix nafu wisq...... ħbieb......

ALFJO : Jidher ħabib tal-qalb, Tess......

TESSIE : Ma nafx...... Naqbel u ma naqbilx...... ċerti ġuvintur, għalkemm jidhru dħulin, u kollha ħlewwa...... fl-aħħar jispiċċaw biex idejquk...... malli jindunaw li hemm daqsxejn ta' l-affezzjoni malajr jisserdku...... pass li hu pass ma jħallukx tagħmlu mingħajr il-kumpannija tagħhom...... jagħmluk irsira tagħhom...... X'sekkatura !......

ALFJO : Mhux kollha xorta waħda. Inti, milli jidher, ma jiddispjaċikx......

TESSIE : Oh, kieku taf...... Sur Baruni......

ALFJO : Sejjaħli Alfjo...... Tess...... Jew lanqas trid li l-ħbieb l-antiki ssejħilhom b'isimhom?

TESSIE : Tassew sekkanti......

ALFJO : U allura rimedju wieħed hemm...... agħmel daqsxejn ta' sforz miegħek innifsek u tih il-*bona servita*.

TESSIE : Il-lum riedni niltaqa' miegħu...... ninsab fuq ixxwiek...... ma rridx kieku nonqos...... wegħedt lil Marie Rose li għandi niġiha għal dan il-*party* tal-għerusija tagħha...... Emmminni nħossni bejn in-nar u l-ilma...... aħjar id-destin ma laqqagħni xejn ma' dan il-bniedem......

ALFJO : Tess...... isma' minni... Naf min għadda minn dan il-baħar, kien sa jegħreq bħalek...... jien salvajtu...... jekk hu ta' karattru kif pinġejthuli, l-aħjar iddarrih xort'oħra...... ħafna minn sħabek jistgħu jgħallmuk kif għandek iġġib ruħek...... imma insomma...... Issa ħallina minn dan għax dalwaqt naslu...... Fejn tridni nwasslek?

TESSIE : Jiena kieku ridt ninżel fejn il-knisja...... imbagħad ma jkunx fadalli wisq biex nasal id-dar ta' Marie Rose...... ma xtaqtx niskomodak iktar...... X'waħda din!...... X'ħin hu jekk jogħġbok?...... L-arloġġ tiegħi ilu wieqaf mindu ħriġt mid-dar......

ALFJO : Il-ħamsa u kwart.

TESSIE :— Il-ħamsa u kwart... X'naqbad nagħmel?... Għandhom mnejn iżommuni bid-diskors u ma jħallunix noħroġ kif ġieb u laħaq......

ALFJO : Kif?...... Mela inti m'intix sa tibqa' għall-*party?*

TESSIE : Kieku xtaqt nibqa'...... imma nibża' li jsir ħafna ħin. .... Jien kieku ma ndumx, kemm ngħidilhom li ġejt biex ma nonqosx...... ġejt biex nifirħilhom...... imma jiddispjaċini li ma nistax għax...... għax...... Għidli int...... Xi tgħid li ngħidilhom, Sur Baruni?......

ALFJO : Sejjaħli Alfjo, nerġa' ngħidlek...... u ħallik mill-kumplimenti......

TESSIE : Ngħidilhom li ħallejt il-mamà fis-sodda, bid-deni...... li ma nistax noqgħod......

ALFJO : Fhimtek...... Inżel u nistenniek...... Nieħdok miegħi l-Villa, tara l-ġnien, il-fjuri...... fjuri ta' Mejju...... xi ħaġa li għandek titgħaxxaq...... is-siġar tal-frott...... l-annimali li għandi...... għandek tieħu gost...... imbagħad inwasslek id-dar. Ma ndumux aktar minn tliet kwarti b'kollox.

TESSIE : Le...... le...... grazzi ħafna, Barun...... grazzi Alfjo...... grazzi. Ħallini ninżel...... sar ħafna ħin...... ma għandix żmien......

ALFJO : Kemm inti mgħaġġla?

TESSIE : Iva...... jekk jogħġbok iftaħli l-bieba...... Nerġa' narak darb'oħra......

ALFJO : Meta?

TESSIE : Għada...... pitgħada...... Imma issa mgħaġġla. Ikkompatini.

ALFJO : Għada mela narak...... Forsi ma tkunx hekk mgħaġġla...... Jien inkun fejn rajtek il-lum...... fuq Kastilja...... nieħdok tara l-Villa...... għal xi l-erbgħa.

TESSIE : Saħħa, u grazzi, Alfjo...... Jekk ma jinqala' xejn terġa tarani. *(Hoss ta' tisbita ta' bieba ta' motor-car)* Grazzi.

ALFJO : Narak...... nistenniek. Saħħa Tess......

TESSIE : Saħħa......

*(Hoss ta' makna, ta' tkaxkira, u mixi ta' taxi. Daqq ta' ħorn. Wara ftit l-arloġġ tal-knisja jdoqq il-ħamsa u nofs).*

TESSIE : Il-ħamsa u nofs. Ih! Kemm sar ħin!

*NARRATUR:—*

DORIS, *ħabiba ta' Tessie, għaddejja mit-triq u tilmaħ lil* TESSIE :—

DORIS : Ara Tessie...... X'minnek Tess? Hawn x'ġiebek?......

TESSIE : Kont sejra għand waħda ħabiba tiegħi...... tistudja miegħi l-Università...... it-tifla tas-Sur Adolf, neguzjant bil-ħanut tal-ħwejjeġ, il-Belt...... Naħseb li tafha......

DORIS : Iva...... nafhom...... Dik jidhirli tgħarrset lil wieħed tabib......

TESSIE : Jonqsu sena għal tabib.

DORIS : U int, Tess, qiegħda l-Università? — L-aħħar li rajtek kont għidtli li sa tibda xi kors......

TESSIE : Iva, ta' spiżjara.

DORIS : Nifraħlek...... Kif jgħaddi ż-żmien...... Tiftakar, Tess...... meta ħames snin ilu konna l-Iskola tas-Sorijiet ta' St. Joseph flimkien?......

TESSIE : Xi żmien kien dak...... Kemm kien isbaħ dak iż-żmien, Doris...... Issa......

DORIS : Issa...... nistħajlek mgħobbija bl-istudji hux tassew?

TESSIE : Kieku l-istudji ma jimpurtax......

DORIS : X'inhu allura li qed idejqek...... M'intix għal qalbek forsi?......

TESSIE : Fejn naf...... fid-dinja, Doris, iktar ma tikber, iktar jikber il-ħsieb. Xi trid tagħmel...... kulħadd iħoss tiegħu ......Jiddispjaċini, Doris, ikolli nħallik...... Xi darba niġi narak, imma l-lum imgħaġġla......

DORIS : Forsi sarlek il-ħin għall-*party*, hux tassew?

TESSIE : Le, le...... issa tard...... għamilt il-ħsieb li nerġa' lura...... Qed nara...... Qed nara *motor car* ġej 'l hawn...... nara nħallikx...... Forsi jrikkibni...... *(Hoss ta' horn u ta' car miexi. Jieqaf).*

TESSIE : *(Lix-Chauffeur)* Skużi...... mikri?

CHAUFFEUR : Le, sinjurina.

TESSIE : Jekk jogħġbok wassalni l-Belt. Malajr, jekk jogħġbok, għax daqsxejn waħda mgħaġġla. *(Lil Doris)* Sa nħallik, Doris. Saħħa...... Jiddispjaċini li kelli nitilqek hekk malajr.

DORIS : Saħħa Tess. Ħalli min jarak.

*(Tisbita ta' brieba ta' car tingħalaq. Hoss ta' makna u tkaxkir ta' roti ta' car miexi. Daqq ta' horn 'l hawn u 'l hinn).*

CHAUFFEUR : Fejn tridni nwasslek sewwa, sinjurina?

TESSIE : Ibqa' sejjer il-Belt. Iġbed għal fuq Kastilja...... 'il ġewwa mill-Vernon...... imbagħad ngħidlek jien fejn tieqaf... Kemm jista' jkun ħaffef għax sarli l-ħin.

CHAUFFEUR : Naħseb li sa kwarta oħra naslu, sinjurina.

TESSIE : Ftit ilu l-arloġġ tal-knisja tar-raħal daqq il-ħamsa u nofs.

CHAFFEUR : Dal-ħin is-sitta neqsin kwart sa jdoqqu.

TESSIE : Għaddi mill-iqsar triq......

CHAUFFEUR : Kemm jista' jkun hekk sa nagħmel...... imma l-lum hemm traffiku kbir ta' inġenji deħlin il-belt...ġranet ta' hekk. Dal-ħin diġà dħalt tliet darbiet bin-nies il-belt. Kelli kirja oħra mir-raħal għall-belt...... imma ġejt għalxejn; wasalt tard u l-familja laħqet telqet ma' karozza privata ta' ħbieb tagħhom...... ma setgħux jistennew...... kienu mistednin il-Każin Malti.

*(Hoss ta' car tieqaf f'daqqa)*

TESSIE : X'ġara? Għaliex waqaft?

CHAUFFEUR : Għaddejja merħla mogħoż.

*(Pawsa)*

TESSIE : X'ħin hu, jekk jogħġbok?

CHAUFFEUR : Is-sitta neqsin għaxar minuti, sinjurina.

TESSIE : Ih ! Kemm sar ħin !

CHAUFFEUR : Dalwaqt naslu, sinjurina.

TESSIE : Agħti *full speed*, jekk jogħġbok.

*(Hoss ta' makna u ċaqliq ta' car. Daqq ta' horn 'l hawn u 'l hinn).*

CHAUFFEUR : Naħseb li jkollna ngħawġu t-triq iżjed 'il quddiem.

TESSIE : Għaliex?

CHAUFFEUR : Jidhirli li l-lejla kellha tidħol ir-Reġina l-Belt.

TESSIE : X'ħin?

CHAUFFEUR : Ma nafx ingħidlek sewwa...... Imma aktarx għat-tard.

TESSIE : Filgħaxija forsi?

CHAUFFEUR : Naħseb......

TESSIE : Mela aħjar tfittex issuq, ħalli nfittxu naslu, jekk jogħġbok.

CHAUFFEUR : Hames minuti oħra nkunu fuq Kastilja. Ma tarax kif f'erba' minuti wasalna t-telgħa taċ-Ċimiterju ta' Braxia...... *(pawsa)* Ehi...... ehi......

TESSIE : X'ġara?

CHAUFFEUR : Il-Pulizija għamilli sinjal biex inwaqqaf. *(Hoss ta' car ieqaf f'daqqa).* Ikollna ndawru għan-niżla tal-Monument ta' Spencer, imbagħad nibqgħu sejrin għall-Belt minn Portu Novu.

TESSIE : Dan għaliex?

CHAUFFEUR : Għax għandha tidħol ir-Reġina l-Belt...... milli jidher għall Każin Malti jew għall-Palazz...... il-Bieb tal-Bombi magħluq bis-suldati.

TESSIE : Ih! Kemm sa niddawru...... Dir-Reġina...... x'biċċa xkiel il-lejla......Mexxi kemm tiflaħ jekk jogħġbok...... forsi naslu sa ftit minuti oħra.

*(Mixi qawwi u daqq ta' horn spiss. Pawsa. Hoss ta' car jieqaf f'daqqa).*

TESSIE : Għax waqaft?

CHAUFFEUR : Ara x'għandi quddiemi sinjurina...... il-karozzi tal-linja kollha weqfin...... bilkemm għandi minn fejn ngħaddi. *(Daqq qawwi ta' horn, imbagħad mixi qawwi ta' car).* Fl-aħħar irnexxieli naqla' 'l barra......

TESSIE : Għaġġel qabel ma jilħqu l-karozzi ta' warajna, u jżommuna......

CHAUFFER : Xejn la tibża'; dawk ma jilħquniex...... Ara kif għoddna wasalna t-Telgħa tal-Kruċifiss...... it-telgħa tat-triq il-ġdida...... żewġ minuti oħra nkunu fil-pjazza ta' fuq Kastilja......

TESSIE : X'ħin hu?

CHAUFFEUR : Is-sitta u tliet minuti......

TESSIE : Ibqa' sejjer 'il ġewwa mill-Vernon, jekk jogħġbok.

CHAUFFEUR : Fejn trid tieqaf sewwa, sinjurina?

TESSIE : Quddiem il-bieb tal-Ġnien ta' Hastings.

*(Daqq ta' horn. Hsejjes ta' mixi ta' karozzi. Għajjat: "Żejtun, Mosta, Mellieħa...... Min hu għar-Raħal il-Ġdid?...... għal Birżebbuġa...... taż-Żejtun sejra"...... Pawsa. Hoss ta' car jieqaf).*

TESSIE : Iftaħli l-bieba, jekk jogħġbok...... ma nistax niftaħ...

CHAUFFEUR : Hawn, sinjurina.

TESSIE : X'għandek tieħu?

CHAUFFEUR : Tmien xelini, sinjurina...... flok nofs lira...... it-triq twila, u kif taf int...... mexxejtlek kemm stajt......

TESSIE : Ha, nofs lira karta għandi......

CHAUFFEUR : Insarrafhielek. (*Pawsa*) Sinjurina...... sinjurina...... Ara baqgħet sejra...... daħlet tiġri fil-ġnien...... sinjurina...... hawn il-bqija...... Lanqas tatni żmien insarrfilha...... Tassew imgħaġġla biex lanqas setnniet il-bqija... sinjurina...... Baqgħet sejra...... (*Hoss ta' bieba ta' car tingħalaq u ta' car jitlaq*).

TESSIE : Eddie...... Eddie! Jien hawn, Eddie. Ġejt...... Stennejtni, hux tassew?...... Le, le, ma mortx... mingħajrek... le, le...... ma jkun qatt Ed...... ma jkun qatt il jien immur imkien...... Bżajt li ma nsibekx......

EDDIE : Ġejt...... ma mortx......?

TESSIE : U int stennejtni hux tassew?...... Int taf li minħabba fik ma mmurx...... Bżajt li ma nsibekx...... ma nilħqekx...... ma narakx iżjed...... tħallini għal dejjem...... anqas irrid naħseb (*tinfexx tibki*). Inti tħobbni hux tassew?......

EDDIE : Iva...... iva...... issa naf x'inhi mħabba ta' mara!

---

## PAGLIACCIO

Il-qoxra taż-żonqor
taħbi l-irtuba tat-trab
u l-ħmura tal-ħawħa
lid-dudu li fiha jinsab...

Timxi fit-triq u tidħak
u jaħsbu li tħossok bħal alla—
bil-mażżra tad-dwejjaq marbuta ma' għonqok,
kull ħolm ta' ħajtek falla.

W. P. G.

## ĠUSTIZZJA

Mal-lejl il-maġistrat mal-mara ġġieled.
Fil-għodu mar għall-Qorti bil-geddum.
U msejkna l-imħarrkin li ġew quddiemu.
Għax ħabs u multi fajjar dak il-jum.

V. C.

# KRONAKA TAL-GĦAQDA

## Dun Karm Mogħti Gratifikazzjoni Mill-Gvern

GĦANDNA l-pjaċir inħabbru illi l-Gvern għoġbu jagħti gratifikazzjoni, barra s-somma ta' Pensjoni, lil DUN KARM għall-merti letterarji tiegħu li swew ta' ġid kbir għall-progress tal-Lsien Malti.

Ma' Dun Karm, il-"Għaqda" għandha biex tifraħ ukoll, il-għaliex nistgħu ngħidu li l-ħidma tiegħu fil kamp letterarju Malti dehret mat-twelid tal-"Għaqda", u l-ġieh kollu li bih iżżejjen ismu jirrifletti wkoll fuq isem il-"Għaqda" li b'saħħitha Dun Karm kellu l-opportunità li mal-weraq tar-rand li bih hu kien diġa' iżżejjen f'żgħożitu bil-pinna poetika tiegħu fil-"Foglie d'Alloro" iżid kotra ta' weraq tar-rand ieħor Malti meta, mħeġġeġ mid dekan tal-kitba Maltija, Ġużè Muscat Azzopardi, dik il-ħabta Editur ta' "Il-Ħabib", kien tħajjar iħaddem il-pinna tal-Musa Maltija u jdawwar ismu b'rand ġdid u hekk sabiħ li l-lum tah l-isem ta' Poeta Nazzjonali.

Taħt riżq il-"Għaqda", li tagħha kien it-tieni President u Direttur tal-organu tagħha "Il-Malti", wara l-mewt tal-mejjet u qatt minsi Ġużè Muscat Azzopardi, lilu ngħatat għall-ewwel darba l-Medalja tad-Deheb — Premju Muscat Azzopardi. Wara mbagħad l-Università ta' Malta għoġobha żżejnu bil-grad ta' D.Litt., (Hon. Caus.), u sena ilu, fost id-dekorazzjonijiet li ngħataw mill-Maħbuba Reġina Tagħna, lill-Poeta Nazzjonali tagħna, b'rikkmandazzjoni tal-Gvern, ingħatat id-dekorazzjoni ta' C.B.E.

Din id-darba nistgħu ngħidu li fuq rikkmandazzjoni qawwija tal-Kunsill tal-"Għaqda", bħala kumpens tax-xogħol li għamel Dun Karm f'dawn l-aħħar tletin sena u fuqhom għall-ġid tal-Malti bil-versi tiegħu, il-Gvern kompla juri l-qima u l-gratitudini tiegħu f'isem MALTA lejn il-Poeta Dekan tagħna li għadu mimli bil-għomor u li nixtiqulu jissokta jgħix għal żmien itwal u jgawdi l-mistrieħ li bil-ħaqq kollu jistħoqqlu.

# LAQGHA TAL-MEMBRI TAL-GHAQDA MAL-PROF. A. J. ARBERRY, LITT.D., M.B.A.

Fit-23 tax-xahar ta' Diċembru li għadda Membri tal-"Għaqda" kellhom laqgħa b'*Sherry Party* mal-Professur Dr. A. J. Arberry, Litt. D., M.B.A., u mas-Sinjura tiegħu, Mrs. Arberry, fil-Kamra tal-Professuri, l-Università, fis-6 ta' wara nofs in-nhar.

Dr. Arberry huwa Professur tal-Lsien Gharbi fl-Università ta' Cambridge, u awtur ta' diversi kotba fuq ill-etteratura Għarbija. Mal-mistednin kien hemm ukoll il-Professur Ġ. Aquilina, Presiden t Onorarju tal-"Għaqda", li flimkien mal-Professur Galea, President tal-"Għaqda", laqqgħu lil kull Membru mal-Professur Arberry, li ħa pjaċir jitkellem magħhom u fuq ix-xogħol ta' kull wieħed li, tista' tgħid, huwa kittieb tal-Malti u ħadmu għall-progress tal-Malti. Il-Professur Arberry, ħa interess fil-letteratura Maltija, u, bil-ko-operazzjoni tal-Professur Aquilina, kemm dam hawn fostna, qara xi xogħlijiet letterarji Maltin, fosthom il-versi ta' Dun Karm, li tiegħu għamel traduzzjoni tal-versi *Non Omnis Moriar*. Huwa bihsiebu jikteb xi ktieb fuq il-Lsien Malti u l-letteratura tiegħu.

Waqt dan ir-riċeviment tkellem il-President tal-"Għaqda", il-Professur Galea, li fost ħwejjeġ oħra semma dwar il-ħidma tal-Professur Arberry fil-qasam letterarju, u speċjalment dwar l-istudju li qiegħed jagħmel fuq l-istruttura etimoloġika ta' l-ilsna orjentali. Il-President qal li l-Professur Arberry ħaqqu merħba b'mod partikulari għax hu ma ġiex jagħmel żjara qasira biss, iżda baqa' hawn fostna bosta ġranet biex jieħu idea tal-qagħda letterarja fil-Gżira tagħna u hekk ikun jista' jagħraf aħjar l-isvilupp tal-letteratura Maltija tagħna.

Għd-diskors tal-President tal-"Għaqda" wieġeb il-Professur Arberry, fejn fisser li hu jħoss ruħu onorat ħafna b'dik l-istedina mill-aqwa "Għaqda" letterarja ta' Malta. Hu kien ċert li f'dik il-laqgħa kien hemm nies li jirrappreżentaw l-ogħla element kulturali u l-klassi awtorevoli fil-qasam letterarju ta' Malta. Għalhekk hu u s-Sinjura tiegħu jibqgħu jiftakru b'għoġba kbira din l-okkażjoni fiż-żjara tagħhom lill-Maltin.

## ĦATRA TA' MEMBRU AKKADEMIKU

Għandna l-pjaċir inħabbru illi s-Sur Reginald Vella Tomlin, Surmast Prinċipali fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, ġie maħtur bħala Membru Akkademiku tal-Għaqda.

Il-merti tas-Sur R. Vella Tomlin huma magħrufin biżżejjed sew fil-kamp letterarju, kemm fil-ħidma tiegħu għall-progress tal-Malti, u f'hekk jidher li mexa fuq il-passi ta' missieru, il-qatt minsi, is-Sur E. B. Vella, li fil-ħidma ta' ibnu Reginald ħalla l-isbaħ tifkira ta' wirt l-iktar għażiż għal ismu u għall-ġieħ ta' Lsienna.

Għalkemm żagħżugħ, is-Sur R. Vella Tomlin, f'dawn l-aħħar sitt snin tana l-isbaħ frott tal-ħidma tiegħu fil-kitba Maltija, kif jixhdu l-bosta kotba li s'issa ħarġu mill-pinna għalliema tiegħu, fosthom ta' min isemmi: *l-Iskrittura Mqaddsa, Antoloġji ta' Proża u Poeżija Maltija għat-Tfal.*

Jalla s-Sur Vella Tomlin jibqa' jseddaq fil-ħidma tiegħu u jimxi 'l quddiem għall-ġid tal-Malti u tal-Għaqda għal għomor twil.

## RAPPREŻENTAZZJONI TEATRALI B'RIŻQ IL-GĦAQDA

**Hemm il-ħsieb li ssir rappreżentazzjoni teatrali fit-Teatru l-ġdid "De Porres", tas-Sliema, b'riżq il-Għaqda, għal ħabta ta' nofs Ġunju.**

**Fit-tħejjija ta' din r-rappreżentazzjoni sa jieħdu sehem il-Membri Akkademiċi, Patri Wistin Born, li minnu l-Għaqda rat ħafna ġid, u s-Sur Victor Apap, Teżorier tal-Għaqda u Direttur tal-Kumpannija Teatrali "STARDUST", li sa tieħu wkoll l-akbar sehem f'din ir-rappreżentazzjoni.**

**Il-Membri Akkademiċi jkollhom minn qabel avviż bid-data u ħin ta' din ir-rappreżentazzjoni, u nittamaw li minn għandhom ikollna l-akbar ko-operazzjoni.**

# REĊENSJONIJIET

**"PALPITI, DMUGH U TBISSIM"** — G. Borg Pantalleresco — Lux Press, Malta, 1957. pp. 160.

Għal darb'oħra s-Sur G. Borg Pantalleresco tana opra letterarja minn tiegħu: ktieb li hu mera tal-personalità tal-awtur; fih wieħed isib bċejjeċ, proża u poeżija, li jesprimu sentimenti nobbli u ħelwin, sentimenti mqanqlin minn ħbiberija, irġulija u ġenjalità: jiena nħobb naqra l-kotba tas-Sur Ġużi Borg Pantallaresco għax fihom nara n-natural u l-personalità tiegħu. Is-Sur Ġużi hu bniedem li japprezza kull stima jew rigward li jirċievi u għandu intellet biex ifisser, fi stil oriġinali u ħaj dak l-apprezzament tiegħu.

Dan il-ktieb hu dokument ħaj ta' relazzjonijiet plawsibbli li jeżistu fost il-bnedmin. Sfortunatament dan l-aħħar rajna bosta eżempji ta' kemm jistgħu jkunu krudili u ta' min imaqdarhom l-imġibiet fost in-nies, u għalhekk wieħed iħoss għogba meta jara li għall-inqas hawn min hu mqanqal minn spirtu ta' karità u rieda tajba.

Dan l-ispirtu ta' rieda tajba jieħu sura fil-poeżijiet u prożi dwar il-Milied. Fihom il-qarrej iħoss sensi ta' hena u kuntentizza li jinħassu ġeneralment fil-festi sbieħ tal-Milied u s-Sena l-Ġdida. L-awtur jaf jesprimi f'versi ħajjin u espressivi dawk it-tqanqiliet ta' ruħ u x-xejriet tal-qalb. Huwa wkoll għandu sengħa biex jagħti kisja reliġjuża lill-poeżija li jikteb fl-okkażjonijiet ta' għidjien imqaddsa. Aqraw x'sentiment reliġjuż fihom dawn il-versi li ġejjin:—

*Mhux il-ġmiel*
*li bih xi drabi*
*ikun minsuġ il-kliem;*
*imma tipperswadina biss*
*it-tieba tar-ruħ li wasslitulna*
*u b'tifkira tagħha*
*b'qalbha, bi fwieħa tas-Sema,*
*ħallitulna.*

Imma l-awtur ma jillimitax ruħu għall-okkażjonijiet reliġjużi biss. Fil-versi u fil-proża tiegħu b'ilsien Malti u b'ilsna barranin, hemm oku ta' okkażjonijiet oħra soċjali jew familjari ta' ferħ u ta' pjaċir. Hu jidher li għandu għal qalbu wisq il-konċett nisrani tal-familja u jaf jipprofitta minn ġrajja jew episodji familjali biex fisser il-fawra ta' hena li toħroġ minn qalbu meta jara jsebbħu l-ferħ u l-barka fil-familja. Magħmudijiet, żwieġijiet huma għall-awtur ispirazzjoijiet sublimi għall-muża ġenjali tiegħu, għax fihom hu jara t-trijonf tal-familja u l-qofol tas-soċjetà nisranija.

Imma f'dan il-ktieb il-qarrej ma jsibx noti ta' ferħ biss; hemm ukoll dehriet ta' ħajja fqira u bla ħajr, ta' faqar u ta' xorti ħażina. Il-karba tal-fqir, it-tnehida tal-iltim iqanqlu mogħdrija fil-qarrej li jaf iħobb u jħenn.

Wara li qrajt dan il-ktieb, jiena ħassejt konfort u sodisfazzjon għax sibt li f'dawn iż-żmenijiet materjali għad baqa' raġġi ta' ħajja spiritwali u artistika. Għalhekk jiena nħajjar lil dawk kollha li għandhom sens

artistiku u li japprezzaw il-ġmiel u s-sedqa, li jakkwistaw kopja ta' din l-opra. Il-ktieb hu sabiħ, stampat tajjeb, ta' għamla pjaċevoli u joqgħod fil-wisa maġenb kotba li joħorġu barra minn Malta. Dan il-ktieb iżejjen kull librerija u jixraq li jinxtara minn kull min għandu għal qalbu l-letteratura u l-arti. G

**"LA SETTIMANA SANTA A MALTA"** — Giuseppe Cassar Pullicino — Estratto da "Phoenix", Rivista trimestrale di Scienza, Lettere ed Arti — anno II. N. 1-2., 1926. Bari — Arti Graphiche, Melillo, 1956.

Din hi kontribuzzjoni fuq waħda mill-aqwa u mill-eqdem okkażżjonijiet reliġjużi ta' Malta. Il-Ġimgħa l-Kkbira ma hix festa reliġjuża ordinarja, iżda hi ġrajja ta' kull sena li tiġbor fiha bosta elementi: fiha elementi reliġjużi, tradizzjonali, folkoristiċi u drammatiċi.

Fi ktieb tiegħi (*Il-Knisja Ta' Ħal Qormi*) barra d-deskrizzjoni talpurċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'dak ir-raħal, jiena kont spjegajt kif il-purċissjoni hi ġejja mill-*Mystery Plays,* li kienu wisq komuni fil-Medio Evo. Imma barra dan hemm ħafna ċirkostanzi oħra marbutin ma' dik il-purċissjoni li daħlu biż-żmien jew bid-drawwiet ġodda matul is-sekli li ilha toħroġ din il-purċissjoni.

L-awtur fisser kif dari l-purċissjoni tal-Passjoni ma kinetx toħroġ nhar ta' Ġimgħa kullimkien. Dwar id-dewmien tal-purċissjoni, dari f'xi rħula l-purċissjoni kienet toħroġ nhar ta' Ġimgħa fil-għaxija u ddum barra sa wara nofs il-lejl. Difatti kienu jgħidu li l-purċissjoni toħroġ il-Ġimgħa u tidħol is-Sibt! Ta' min isemmi wkoll li f'bosta rħula l-vari u s-simboli l-oħra, wara l-purċissjoni ma kinux jidħlu fil-knisja, iżda kienu jaslu sa quddiem il-bjeb biss, u wara jeħduhom bil-ġirja fl-imħażen għax il-knisja kienu jkunu jridu jwarrbu minnha l-ħwejjeġ ta' luttu u swied il-qalb, iżejnuha u jarmawha bid-damask għall-glorja ta' nhar is-Sibt.

Fil-paġna 10 hemm imsemmi statwarju jismu Carmelo. Naħseb li l-awtur qiegħed jirriferixxi għal Mastru Carmelo Mallia ta' Ħal Qormi, statwarju famuż li fil-bidu ta' dan is-seklu mela l-knejjes u l-kappelli ta' Malta u Għawdex bl-istatwi tiegħu.

L-awtur isemmi t-trombettieri u l-mużiċisti li jimxu qabel l-istatwa tar-Redentur u qabel l-istatwa tal-Kruċifissjoni. Iżda ta' min jinnota li t-trombettieri jdoqqu daqqa biss f'kull salib it-toroq jew kantuniera. Ta' min isemmi wkoll li wara l-Monument jimxu erba' vjolinisti li jakkompanjaw kor ta' tfal ikantaw il-*Miserere*.

Hemm imsemmi wkoll li l-vara tad-Duluri f'Ħal Qormi jerfgħuha l-bejjiegħa tal-ħobż, mela ta' min isemmi wkoll li f'dak ir-raħal l-vara tal-Kroċifissjoni aktarx jeħduha n-nies tax-xatt, dari kienet f'idejn in-nies tal-faħam.

Fil-kuntratt ta' ftehim li sar fis-sena 1788 bejn il-Konfraternità tar-Rużarju u dik tas-Sagrament tal-Belt Pjnto dwar is-sehem tagħhom fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, hemm imniżżel bħala xhud Vincenzo Barbara. Tgħid dan kien antenat tal-famuż Censu Barbara, imsemmi fl-istorja ta' Malta u fl-istorja ta' Napuljun? S'issa għadu mhux magħruf fejn twieled Censu Barbara, għalkemm jaħsbu li hu kien Qormi.

Dan l-estratt jibqa' dokumentarju fuq il-Gimgħa l-Kbira f'Malta u 'l quddiem għandu jservi ta' riferenza għal min ikun irid jikteb dwar din l-okkażjoni li sfortunatament qiegħda kull ma tmur titlef missollennità tagħha. Għalhekk is-Sur Cassar Pullicino jistħoqqlu kull tifħir u inkoraġġiment.

**"ID-DAWL TAL-ĦAJJA"** — Rumanz ta' Ġużè Chetcuti — Lux Press, 1957. pp. 162.

Dan hu l-ewwel rumanz ta' poeta Malti li jirrappreżenta x-xejra ġdida fil-qasam letterarju. Chetcuti jagħmel sehem mill-iskola li tat ħajja ġdida u espressjoni dinamika lill-poeżija Maltija, u issa ħareġ b'dan ir-rumanz imfassal fuq ix-xempji li qegħdin jidhru f'ċentri kulturali moderni.

Il-ktieb hu taħt għamla ta' rumanz dokumentarju taż-żmien ikraħ li għaddiet minnu l-Gżira tagħna matul l-aħħar gwerra, u fih kwadru ħaj tat-tbatija u qirda li sibna ruħna fihom aħna li għexna f'dawk iż-żmenijiet koroh. L-awtur sawwar il-persunaġġi tar-rumanz tiegħu fuq nies ordinarji li kienu jgħixu f'daw is-snin ta' qilla. Renè, Marija, Anna, Dun Salv jirrappreżentaw eluf ta' nisa u rġiel Maltin li sabu ruħhom maqlugħin mill-kenn ta' darhom u mtajrin 'l hinn u 'l hawn mal-buffura ta' qellet il-gwerra.

Imma l-awtur ma għażelx biss persunaġġi ordinarji; kieku għamel hekk, kien jagħtina rumanz ġwejjed, ħiemed u bla ħerqa. Għalhekk hu daħħal persunaġġ straordinarju, bniedem ta' kruha f'ġismu, f'għamilu u fi ħsiebu, biex il-kuntrast li jagħmel man-nies komuni jżid iqajjem eċċitament u kurżità fil-qarrej. Bis-saħħa ta' dan il-bniedem straordinarju mlaqqam "Il-Waħx" l-awtur seta' joħloq sitwazzjonijiet u emozzjonijiet li jagħmlu effett kbir fir-rumanz u jheġġu l-ħrara tal-qarrej.

Għalkemm dan ir-rumanz hu ta' stil modern, ma fihx dawk itteoriji u dawk l-implikazzjonijiet li ma jgħoddux għal kulħadd, u li ta' sikwit naqrawhom f'rumanzi moderni. L-awtur hu mqanqal minn sens ta' ħniena u reliġjon kif jidhru minn ħafna riflessjonijiet li jistgħu joqogħdu fi ktieb reliġjuż. It-tema tiegħu hu: "Qatt taqta' qalbek misslaleb ta' did-dinja. Dawn jgħaddu. Hemm fuq kollox Alla ... Alla ħanin u tal-ħaqq."*

Haġa milli laqtitna l-aktar hi l-għadd ta' deskrizzjonijiet ċari, eżatti, ħajjin u ħabrieka. Jidher li l-awtur għandu immaġinazzjoni u jaf kif ifisser fil-kitba dak li joħloq f'moħħu. Din hi sengħa li ftit kittieba huma mħarrġin, fiha u għalhekk tolqot sħiħ f'dan il-ktieb. Ma nistgħux insemmu d-deskrizzjonijiet kollha li jżejnu dan ir-rumanz imma x-xena tal-ħajja fix-xelter u l-qirda tal-baħrin wara l-għarqa tal-bastiment tagħhom, ma jistgħux ma jimpressjonawx lill-qarrej. Madankollu l-awtur ma jillimitax ruħu għall-elemen deskrittiv biss; hu jinqeda wkoll bl-element patetiku biex iżid iqajjem interess u ħrara fil-qarrej.

L-awtur jibni l-ġrajja tiegħu fuq fatti sodi u interessanti u qajl qajl jinseġ it-truf tal-ġrajja sakemm jiġborhom u jdommhom f'għoqda ta' climax potenti. Imma matul il-milja tal-ġrajja hu ma jħallix għal ħin wieħed biss jintesa l-iskop ewlieni: ir-rebħa fuq il-għawġ u n-niket talbniedem li jittama f'Alla.

Dan ma hux rumanz li tista' tiddeskrivih f'reċensjoni qasira bħal din. Wieħed irid jaqrah mill-bidu sa l-aħħar biex jifhmu, igawdih u jgħożżu, għalhekk il-parir tagħna lill-qarrejja hu li jfittxu jixtruh bla telf ta' żmien. Hu ktieb tassew ta' min jakkwistah, miktub tajjeb, stampat tajjeb, fih żbalji mill-anqas. Naħseb fil-paġna 54 il-Ġermanja tissemma bi żball. Naħseb ukoll li l-awtur nesa jsemmi kif Renè wara li ikkumbatta fi Franza, kien ġej lura lejn Malta mill-Eġittu. Ma tidhirx sewwa wkoll ir-raġuni għaliex minn Ħal-Bajjada tar-Rabat, fejn in-nies kienu jmorru biex jeħilsu mill-balal, il-persunaġġi ewlenin tar-rumanz niżlu l-Belt u marru joqogħdu San Ġiljan minn fejn in-nies kienu ħarbu minħabba l-periklu tal-balal. Dawn huma rqaqat żgħar li ma jnaqqsux mis-siwi tar-rumanz li hu wieħed mill-isbaħ li ħarġu f'Malta s-sena li għaddiet.

G.

**"IS-SALIB IMQADDES FL-ARTI"** ta' Karmenu Vassallo. Tipografija Empire Press, Valletta — pp. 61. Bl-istampi. Prezz: 2s. 6d.

It-tifħir lill-Awtur ma nagħmlux jien għax ġa għamluh bil-miktub fl-istess ktieb il-Monsinjur Professur Giuseppe Sapiano Ph.D., S.Th.D., H.E.L. u l-Eminenza Tiegħu Kardinal Celso Costantini, l-Awtur tal-"CROCIFISSO NELL'ARTE", li minnu Karmenu Vassallo għen ruħu fit-tiswir tal-ktieb tiegħu "IS-SALIB FL-ARTI" bis-sensja u l-barka ta' l-istess Prelat Awtur.

Igħidilna l-Awtur: il-filosofija tgħin it-teoloġija u l-arti tgħin ir-Reliġjon; jien inħoss inżid ukoll, li l-Kruċifiss huwa r-ruħ li tagħti ħajja lill-poeżija. Karmenu Vassallo twieled Poeta, poeta li jaf sewwa jħaddem il-ħsus kollha tal-qalb; għandna tiegħu versi "Nirien", għandna l-versi mielsa "Kwiekeb Ta' Qalbi", jaf iħaddem il-proża daqs il-poeżija: "alla taż-Żgħażagħ", "Sant'Injazju" barra mit-traduzzjonijiet mill-Ingliż għall-Malti "Ġrajja ta' Żewġt Ibliet" u mit-Taljan għall-Malti "Riefnu", il-lum, dewwaqna fi proża l-ħlewwa poetika "IS-SALIB IMQADDES FL-ARTI", ħlewwa ta' żewġ Awturi magħrufin, il-Kardinal Celso Costantini u l-Poeta Karmenu Vassallo. Mhux ta' b'xejn dan ix-xogħol letterarju-storiku ġie mfaħħar u mbierek minn Monsinjur Arċisqof Metropolitan Sir Michele Gonzi.

Il-ktieb huwa mibni fuq ħamest irjus: "Ġrajja tas-Salib", "Kif Sallbu 'l Ġesù" b'ħafna tagħrif interessantissimu u żgur mhux magħruf minn bosta u bosta qarrejja. "Xi tgħidilna s-Soru Agostinjana Emmerich dwar it-tislib ta' Ġesù", tagħrif importanti ħafna biex iżżid iktar tit-qanqal id-devozzjoni u l-imħabba lejn Ġesù Kruifiss. "Sehem il-Kruċifiss fl-Arti" fejn insibu lista ta' Pitturi kbar internazzjonali li bil-Kruċifissi tagħhom aktar kabbru l-ġieh ta' l-Arti tal-Pinzell. "Riflessjonijiet fuq il-Kruċifiss" dwar is-sentimentaliżmu ta' l-Iskulturi u l-Pitturi muri fil-Kruċifissi tagħhom.

Prosit minn qalbi lill-Awtur u nixtieqlu suċċessi f'suċċessi billi l-qarrejja Maltin jagħrfu s-siwi letterarju u morali fil-kitba tiegħu.

R. M. B.

# WERREJ TAS-SENA 1957


**Abela, Ċużi**

*Għada* ... ... ... ... ... ... ... ... ... faċċ. 79

**Agius, Anton**

Għaliex? ... ... ... ... ... ... ... ... „ 10

Il-Ħsibijiet Ewlenin fl-Ewwel Ktieb tar-Rumanz "Pesta Soċjali" ... ... ... ... ... „ 44

**Aquilina, Prof. Ġ., B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.)**

L-Istorja ta' Ġużepp l-Iswed ... ... ... ... ... „ 101

**Aquilina, Pawlu**

*Marzu Tiegħi* ... ... ... ... ... ... ... ... „ 22

**Caruana, Peter**

*Epithalamium* ... ... ... ... ... ... ... „ 84

**Caruana, Vincent**

*Fil-Ġonna Botaniċi, Melbourne* ... ... ... ... ... ... „ 9

*Fi Twelid Danjel Cassar* ... ... ... ... ... ... „ 93

Il-Poeta u l-Ħolqien ... ... ... ... ... ... ... ... „ 97

*Ġustizzja* ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 119

**Cassar, Manwel**

Fuq Min Iduq Ilmet in-Nil ... ... ... ... ... ... „ 85

**Cremona, A.**

Etimoloġija ta' Ismijiet ... ... ... ... ... ... ... „ 25

Preca bħala Filologu ... ... ... ... ... ... ... „ 37

Studji Filoloġiċi ... ... ... ... ... ... ... ... „ 48

Il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi ... ... ... ... ... „ 67

Sardou ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... „ 90

Aqta' Jiesek li Tarani ... ... ... ... ... ... ... „ 107

**EDITUR**

Il-Malti fl-Iskejjel ... ... ... ... ... ... ... ... „ 3

Kronaka tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... 14. 92, 120

It-Tagħlim Grammatikali ... ... ... ... ... ... ... „ 33

Ismijiet ta' Toroq ... ... ... ... ... ... ... ... „ 65

**Fenech, D.M.**

Santu Wistin fil-Ħsieb u l-Qalb ta' Dun Karm ... ... „ 80

**Gulia, W. P., B.A., B.Sc., D.P.A., MA (Admin)**
Ir-Riħ Isfel ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 70
*Minuetto* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 72
*Hġejjeġ* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 91
*Pagliaccio* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 110

**Mallia, P. K., S.J.**
*Eleġija* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 57

**Mallia, P. Ugo, O.Carm.**
*Is-Sebħ* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 73

**Micallef Grimaud, G.**
*Lil Madliena* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 106

**Muscat Azzopardi, Ivo., P.L.**
Qari Malti ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 62
Cocktail Cabinet ... ... ... ... ... ... ... ,, 75

**Reċensjonijiet** ... ... ... ... ... ... 27, 64, 94, 123

**Sant, Rev. K., Lic.D., D.D., Lic. S. Script., B.A.**
Il-Bibbja Bħala Letteratura ... ... ... ... ... ,, 15

**Scalpello Borg, M. A.**
*A Friend in Need is a Friend Indeed* ... ... ... ... ,, 63

**Serracino Inglott, Erin**
*Lill-Mewt* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 89

**Tabone, Prof. A., J.C.D. et Th. Mor. Lect., Glis. Jub.**
San Franġisk u l-Għasafar ... ... ... ... ... ... ,, 6